# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 673/2018/LSO**

**Maria Parlato (K.I. 642746)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Maria Parlato (K.I. 642746) datat 26 ta' Gunju 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi l-isem tal-esponent fuq l-att tat-twelid (anness u mmarkat bhala Dok A) taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" huwa ndikat bhala "Maria Monica", pero` l-isem taghha taht l-intetestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" huwa indikat bhala "Maria" biss.

Illi l-esponent dejjem kienet maghrufa bl-isem "Maria Monica" u dan l-isem intuza fil-konfront taghha mhux biss mill-familjarji taghha izda anki minn konnoxxenti taghha u dan kif jirrizulta mill-atti kollha tal-hajja civili taghha, inkluz ic-certifikat ta' registrazzjoni tac-cittadinanza Ingliza, l-passaport Ingliz, ic-certifikat taz-zwieg, id-dokumenti bankarji u t-testment taghha, kopja ta' liema huma annessi u mmarkati bhala Dok B, C, D, E u F rispettivament. Fil-fatt, l-uniku dokument fejn tidher bhala "Maria" huwa l-karta ta' l-identita` Maltija taghha *stante* li dan kien gie mahrug abbazi tal-att tat-twelid.

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza l-esponent kienet u ghadha konsistentement rikonoxxuta u maghrufa bhala "Maria Monica".

Illi ricentement l-esponent applikat ghal passaport Malti u giet infurmata li jsimha kienet ser tigi indikata fuq il-passaport bhala "Maria" u mhux "Maria Monica" u dan abbazi tal-isem kif indikat fl-att tat-twelid taghha. Pero`, l-isem tal-esponent kif indikat fuq id-dokumenti msemmija fuq, inkluz il-passaport Ingliz, huwa "Maria Monica". Dan l-inkonsistenza ghalhekk ser tikkawza diffikultajiet prattici lill-esponent u ghaldaqstant tixtieq li *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta li l-isem fuq l-att tat-twelid

taghha, taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", jidher bhala "Maria Monica".

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-publikazzjoni ta' l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht I-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Maria" jigi sostitwit bl-isem "Maria Monica"; u

3. Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta u jekk joghgobha din I-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponent, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili msemmi fil-paragrafu precedenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018.

Rat ir-risposta guramentata **tad-Direttur tar-Registru Pubbliku** datata 14 ta' Awwissu 2018 (fol 19) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti :

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrenti fl-Att tat-twelid taghha taht l-intestatura *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* jinbidel minn *'Maria'* ghal *'Maria Monica'.* Sabiex tissostanzja t-talba taghha, ir-rikorrenti qieghda tannetti mar-rikors guramentat, numru ta' dokumenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jirrileva illi fid-dawl tat-talba kif dedotta, huwa essenzjali illi r-rikorrenti tipprezenta dawk il-provi kollha, inkluz xhieda affidabbli, cioe' familjari, hbieb u konoxxenzi, kemm *viva voce* jew permezz ta' affidavits u dan sabiex issahah il-pozizzjoni taghha, ossia li tul hajjitha din kienet konsistentament msejha bhala 'Maria Monica' u mhux 'Maria';

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrenti George Mangion li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem li bih ghandha tigi msejha r-rikorrent. Fil-fatt kien huwa stess li ffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur George Mangion, id-dikjarant fuq l-Att tat-

Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti.

5. Illi ghaldastant, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi. Maghdud ma' dan, l-esponent huwa wkoll tal-umli fehma illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Rya Gatt ghall-attrici u Dr Stephanie Ellul ghall-intimat. Dr Gatt iddikjarat li ghalqet il-provi. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi u rrimettiet ruhha ghal decizjoni tal-Qorti salv li nsistiet fuq l-eccezzjoni taghha ghal-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fil-5 ta' Lulju 2018 (fol 15).

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi korret isimha fl-att tat-twelid peress li hija maghrufa u msejha bhala "Maria Monica" u mhux "Maria" biss.

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bhala "Maria Monica". Ghal dan il-ghan, hija esebiet kopja tar-registrazzjoni tac-cittadinanza Ingliza tar-rikorrent, Dok B, kopja tal-passaport Ingliz tar-rikorrenti, Dok C, kopja tac-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti, Dok D, kopja tal-karta ta' kreditu tar-rikorrenti, Dok E, u kopja tat-testment tar-rikorrenti datat 20 ta' Awwissu 2013, Dok F, fejn f'dawn id-dokumenti hija indikata bhala "Maria Monica".

Inoltre, ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kienet maghrufa u msejha bl-isem "Maria Monica". Qalet li ommha sa minn

tfulitha qaltilha li isimha kien Maria Monica, u li l-karta tal-identita` hi mnizzla bhala “Maria”, peress li tnizzlet kif kienet indikata fl-att tat-twelid. Zewgha Giuseppe Parlato kkonferma permezz ta’ affidavit, li ilu jaf lir-rikorrenti sa mill-1970 u dejjem jafha bhala “Maria Monica” u hekk hi indikata kemm fl-att taz-zwieg taghhom, u fl-att tat-twelid ta’ uliedhom. Christine Elizabeth Alabaster, permezz ta’ affidavit qalet li ilha taf lir-rikorrenti sa mill-1966, u dejjem tafha bhala “Maria Monica.”

Illi fid-dawl ta’ dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement, kienet maghrufa u msejha bl-isem ta’ “Maria Monica”, u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, *stante* li kif eccepit fir-raba’ eccezzjoni kien missier ir-rikorrenti George Mangion bhala d-dikjarant, li ffirma l-att in kwistjoni. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* li giet sorvolata fil-mori, tiddikjara li r-rikorrenti hija konsistentement maghrufa bhala "Maria Monica", u konsegwentement tilqa’ t-talbiet rimanenti tar-rikorrenti, u tordna li ssir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 6427 tas-sena 1946 fis-sens li taht l-

intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Maria" jigi sostitwit bl-isem "Maria Monica".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex fiz-zmien li trid il-Ligi ssir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Dicembru 2018**